*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

## Disa’ Legislatura

## *Laqgħa numru 6*

***6.00p.m 21 ta’ Novembru 2019***

### *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina - Kunsillier

### *Assenti b’apoloġija*

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

## *6.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

6.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra tapoloġija.

## *6.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

6.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 5 kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *6.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

6.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lill-Membri tal-Kunsill li l-Ispettur tal-Għassa tal-Marsa jixtieq jiltaqgħa mall-Kunsill. Huwa qal li huwa fl-interess tagħna li nagħmlu din il-laqgħa mill-aktar fis possibbli sabiex jwasslu l-ilmenti tar-residenti.

6.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li ġiet ippubblikata konsultazzjoni pubblika dwar il-prostituzzjoni, liema tema hija importanti ferm għalina bħala lokalita' minħabba li r-residenti tagħna huwa affetwati b'mod ħażin b'din ir-realta'. Kien hawn li s-Sindku beda' jaqsam mall-Mejda tal-Kamra l-ħsibijiet tiegħu u wara li lesta ressaq għad-diskussjoni dawn il-ħsibijiet. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li kien jixtieq kieku dawn il-ħsibijiet ġew iċċirkolati qabel. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li fis-seduta li jmiss din ser tkun item għalija fejn bħala Kunsill nistgħu ngħaqqdu l-ħsibijiet tagħna kollha f'daqqa sabiex il-Kunsill iwieġeb għal din il-konsultazzjoni b'vuċi waħda.

## *6.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

6.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono staqsa għaliex il-Kunsill ma kienx infurmat mill-wasla tal-vara tal-Kunċizzjoni ta' Bormla u li jingħata bukkett f'isem il-Kunsill kolha mingħajr dan ma jaf b'xejn. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li huwa sar jaf dwar din il-wasla storika li ftakkar il-75 sena anniversarju mill-Pelligrinaġġ Nazzjonali tal-istatwa tal-Kunċizzjoni propju tard il-Ġimgħa bil-lejl, jiġifieri nqas min ġurnata qabel, pero' jaqbel li huwa nuqqas min naħa tal-Paroċċa li l-Kunsill ma jkunx infurmat dwar dan. B'hekk ġie miftiehem li l-Kunsill għandhu jikkommunika mall-Paroċċi tal-Lokalita' sabiex il-Kunsill ikun infurmat b'attivitajiet reliġjużi li ser ikunu qed isiru fil-lokalita' tagħna.

6.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono talab informazzjoni dwar għaliex tweħħlu tabbelli dwar is-separazzjoni tal-iskart u kemm jiswew. Dan hekk kif wera' ritratti ta' kif dawn il-postijiet kienu u għadhom kalamita' għall-iskart. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dawn it-tabelli saru bi skop edukkattiv biex ir-residenti jkunu jafu dwar is-separazjoni tal-iskart. Wara diskussjoni ġie miftiehem li jsiru tabelli taħthom sabiex ma jintremax skart hemm.

6.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace talab biex issir laqgħa mall-ETC minħabba żieda fl-ammont t'immigranti fiż-żona ta' quddiem il-BOV. Huwa xtaq jkun jaf jekk il-Kunsill għandhux xi update dwar l-immaniġjar tat-traffiku fl'akwata tal-korsa. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li huwa jaqbel li ssir din il-laqgħa u dwar update s'issa l-Kunsill m'għandhux hekk kif wara l-laqgħa li s-Segretarju Eżekkutiv kellhu maċ-Chief of Staff tal-Ministru Ian Borg ma kien hemm l-ebda updates alternattivi. Huwa tajjeb jekk il-Kunsill jara fiex wasal f'dawn il-laqgħat.

6.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace staqsa jekk il-Kunsill jistgħax jagħmel devoluzjoni ta' diversi binijiet fil-lokalita' bħal Verdas Veranda, Tined tal-Patata, u l-binja tat-Tram. Is-Sindku qal li biex il-Kunsill jagħmel din it-talba irid ikun hemm il-ħsieb għal xiex ser nużawhom, u saħaq fuq il-fatt li ġaladarba jgħaddu għandna inkunu responsabbli mir-restawr u l-upkeeping tagħhom.

6.4.5. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri qal li l-furnar li hemm f'Isouard Street mhux qed juża l-unloading bay kif suppost u fit-triq qed jinħoloq ħafna konġestjoni. Il-Kunsillier talab wkoll informazzjoni dwar l-isleeping police u l-bżonn li l-playing fields jingħalqu. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li tkun ideja tajba jekk il-ħanut ikkonċernat jiġi nfurmat b'din il-ħaġa. Dwar ir-road humps is-Sindku qal dawn huma ordnati u dwar il-playing fields ser ikun hemm item iktar il-quddiem fejn dawn jistgħu jiġu diskussi.

6.4.6. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri talab x'se jagħmel il-Kunsill dwar l-inspactions li hemm fi Triq il-Pitkali li dawn jinsabu miftuħin u perikoluzi. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopard qal li din il-problema inħolqot min Transport Malta meta sar il-proġett ta' Diċembru Tlettax u l-Kunsill mill-2014 sall-lum dejjem informa l-awtorita' dwar il-ħsara li l-ilma qed jagħmel fl-akwata. Sadanittant hemm saħansitra każ il-Qorti dwar dan. Wara diskussjoni fuq is-suġġett kien hemm qbil li l-Kunsill li ser jkun qed jagħmel talba uffiċjali mill-avukat bħala l-aħħar reminder u wara jittieħdu passi ulterjuri. L-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

6.4.7 Il-Viċi Sindku qal ukoll li hemm ħofra li kibret ħafna fi Triq il-Ġerrejja u li hemm tappiera quddiem Louis tad-deheb li qed tfur. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li fil-jiem li ġejjin ser jibda xogħol ta' patching u din issir ukoll filwaqt li dwar it-tappiera l-Kunsill ser jinforma lill-Water Services Corporation.

6.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia staqsa jekk hemmx il-possibilita' li l-ikel li jitqassam mall-anzjani ma jibqgħax isir min ġol van iżda min ġewwa l-bini tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsillier talab ukoll jekk jistgħax isir fire exit fis-sular t'isfel tal-bini tal-Kunsill. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi rrimarka li dan l-ikel jitqassam mill-iskola Santu Wistin, iżda ma jsibx l-ebda problema li dan l-ikel jingħata mill-bini tal-Kunsill. Qbilna li ser inkellmuhom. Dwar il-kwistjoni tal-fire exit tista' tkun opportunita' l-quddiem meta jsir ix-xogħol fuq is-sular t'isfel.

6.4.9 Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina qalet li f'Qormi Road hemm problema kbira ta' karozzi li qed jgħaddu bl-addoċċ. Hija semmiet ukoll kif hemm grocer li qed jħalli ħafna konġestjoni fit-triq. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill ser ikun qed jinforma lill-LESA u l-Pulizija dwar dan.

6.4.9 il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li filwaqt li Triq Nerik Sacco, Triq l-Assunta u Triq San Franġisk huma ‘one way’, Triq Saura u Triq tal-Karmnu huma ‘give way’. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li ser ikun qed jerġa jara għaliex din il-problema ma ssolvietx hekk kif il-pjan kien dejjem li dawn it-toroq ukoll isiru ‘one way’.

6.4.10 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li r-residenti li hemm fi Triq it-Tiġrija (viċin l-Swan) qed isibu diffikulta’ jaqsmu t-triq spġeċjalment f’dawn iż-żminijiet tal-maltemp minħabba li t-traffic lights qed idumu ħafna ma jaqilbu. B’hekk qed jissuġġerixxi li Transport Malta jagħmlu żewġ shelters maġenb dawn it-traffic lights sabiex ikunu jistgħu jistkennu. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill ser ikun qed jagħmel talba ma Transport Malta għal dan il-għan.

## *6.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti*

6.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 11/2019 annessa. Wara li ħadd mill-membri l-oħra preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## *6.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

6.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li s-Soċjeta’ Mużikali Banda Maria Reġina qed tistaqsi jekk il-Kunsill hux interessat jirreklama fil-kalendarju 2020 fejn ser ikun jiswa €150. Barra minhekk ser issir wirja ta’ Bambini għal żmien il-Milied u qed jistaqsu jekk il-Kunsill iridx jirreklama fuq il-posters tal-attivita’ għall-prezz ta’ €50. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

6.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi informa l-Kunsill li s-Sur Patrick Bongalias qed juri xewqa li titpoġġa statwa tal-Madonna fir-roundabout li tinsab vicin il-power station. Huwa lest li joħroġ il-flus huwa personali għalhekk qed jitolb il-permess tal-Kunsill biex ikun jista’ jagħmel dan. Is-Sindku qal ukoll li peress li din ir-roundabout ma taqgħax taħt ir-respinsabilita’ tal-Kunsill huwa irid jitlob permess min Transport Malta.

6.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Klabb tar-Regatta qed jistaqsi lill-Kunsill jekk hux interessat li jirreklama fil-Kalendarju tal-Klabb għall-prezz ta’ 240 ewro. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

6.6.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li B’referenza għal mistoqsija li saret mill-Kunsill rigward jekk id-dar ta’ l-anzjani tistax issir fuq iż-żewġ kmamar ezistenti il-Perit wieġeb li dawn il-kmamar ikunu jridu jiġu mwaqqa’ minħabba li ma humiex kbar biz-zejjed. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li kien ilu jgħid lill-Kunsill sabiex il-Kunsill japplika mall-Planning għal ‘Outside Development Zone’ rigward il-Ġnien Belvedere. Huwa qal li l-art tal-Ġnien issa ngħatat lill-Gvern u hija tal-Gvern. Sadanittant, il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li l-kmamar inbnew fl-1987 sabiex isiru għal skopijiet kulturali, madanakollu sar telf ta’ madwar Lm200,000 u b’hekk waqaf kollox u l-operat tal-Ġnien ingħata lill-Kunsill Lokali tal-Marsa propju mit-twaqqif tiegħu. B’hekk fil-konkluzjoni ġie miftiehem li l-perit

ikompli jaħdem fuq pjanta aġġornata bil-kmamar eżistenti (biswit Triq Zerafa) mwaqqa' u t-taraġ irranġat filwaqt li s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ser ikompli għaddej b'diskussjonijiet mall-avukata tal-Kunsill sabiex jiġu mwieġba l-mistoqsijiet dwar l-art in kwistjoni. Wara li ħadd ma kellu iktar mistoqsijiet il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *6.7 Ħruġ ta'Kwotazzjoni għall-Accountant*

6.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li peress dalwaqt it-tender eżistenti mall-accountant ser ikun qed jintemm il-Kunsill ser ikun qed jitlob għall-tlett kwotazzjonijiet min Accountant firms liċenzjati peress li l-ammont li qed jonfoq il-Kunsill kull sena huwa ta' inqas min €5,000. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

.

## *6.8 Performance Bonus tal-Impjegati*

6.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq il-performance appraisals tat-tliet impjegati klerikali tal-Kunsill kif ukoll ta' ħaddiema oħra li għandhu l-Kunsill min entitajiet oħra kemm il-darba dawn jiġu mitluba. Wara diskussjoni li saret bejn il-membri preżenti, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ppropona l'impjegati klerikali u oħrajn jingħataw il-massimu tal-performance bonus li huwa ta' 6%. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *6.9 Ħruġ ta' Tender Public Convenience*

6.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lill-Kunsill li l-Kunsill ser ikun irid joħroġ fix-xhur li ġejjin it-tender għall-latrini minħabba li l-estensjoni ta' dan il-kuntratt ser ikun qed jiskadi. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *6.10 Update fuq l-Attivitajiet tal-Milied u l-Milied f'Albertown.*

5.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lill-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer u l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia sabiex jagħtu update fuq l-preparamenti għall-attivitajiet tal-Milied fil-lokalita'. Il-Kunsilliera qalu li l-preparament huma lesti kollha.

5.10.2 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li hemm organizzazzjoni bit-titlu Chrildren's Dreams li dawn jiġbru l-fondi permezz tal-bejgħ tal-mince pies biex dawn il-fondi jgħadduhom lill-dawk it-tfal inqas ixxurtjati. Huwa xtaq li matul l-attivitajiet tal-Milied, il-Kunsill jgħin billi jixtri dawn il-mince pies u jitqassmu mall-anzjani. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni, l-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

5.10.3 Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia spjega kif matul dawn l-aħħar ġranet sar ħafna xogħol ta' tiżjin bi preparament għall-attivita' fejn l-anzjani ser jingħatalhom mug b'tifkira. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono u l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer saħqu li huwa importanti li l-attivita' tkun immexxija kollha min nies tal-Kunsill u mhux min 'outsiders'. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia min naħa tiegħu serrhilhom rashom li l-għajnuna kollha li ser ikollu waqt l-attivita' ser tkun min membri tal-Kunsill jew mill-amministrazzjoni tal-Kunsill.

5.10.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi saħaq li għall-ewwel darba jixtieq li jagħmel attivita' tal-Milied għar-residenti ta' Albertown fejn issir attivita' fil-15 ta' Diċembru filgħodu fil-Knisja fejn jinqraw poeziji, jsir kunċert u jkun hemm transport għal kull min jixtieq jattendi min żoni oħra tal-Marsa. Wara diskussjoni ġie deċiż li jiġu nfurmati r-residenti kollha permezz ta' flyer. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

# *6.11 Border Town and Island Network*

6.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega dettalji dwar il-programm tal-Border Town and Island Network, liema dokument intbgħat ukoll lill-Membri tal-Kunsill ġimgħa qabel sabiex dan jinqara. Wara diskussjoni fost dawk preżenti l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda filwaqt li l-vot kien maqsum hekk Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri, u l-Kunsillier is-Sur Francis Debono, l-Kunsillier is-Sur Colin Pace, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer u l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina astjeniet.

# *6.12 Deċiżjoni dwar il-Labour Office*

6.12.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li kelhu laqgħat mas-Sur Mario Buhagiar dwar il-possibilita' li l-Labour Office jerġa jiftaħ fil-lokalita' tal-Marsa. Huwa qal li wara li diversi tentattivi biex jinstabu postijiet oħra kien hemm il-fehma li dan jinfetaħ fil-bini tal-Kunsill Lokali billi l-Kunsill jipprovdi mejda darba fil-gimgħa sabiex jingħata servizz b'mod speċjali lill-anzjoni u mhux ser ikun hemm reġistrar. Il-Kunsill mhux ser ikollhu running costs għalkemm ikun tajjeb li wieħed jivverifika dawn x'jista' jkunu. Wara li ħadd mill-Membri preżenti ma kellu mistoqsijiet, il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ħareġ mis-seduta fit-8.35p.m.

# *6.13 Jum il-Marsa*

6.13.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li kienet min dejjem ix-xewqa tiegħu li Jum il-Marsa tingħata l-importanza tagħha billi ssir attivita' prominenti. Huwa jixtieq jidentifika l-Ħadd 19 ta' Jannar fejn taħt tinda armata f'Misraħ G.F Abela ssir parata mill-Iscouts, u programm kulturali, qari ta' poeziji u jixtieq li ssir feature dwar in-nekropoli li kien hemm fit-Telgħa tal-Ġizwiti. Is-Sindku qal ukoll li tkun opportunita' tajba jekk propju f'din l-okkazjoni jingħataw Gieħ il-Marsa, għalhekk talab biex l-Għaqdiet tal-lokal jibgħatu profili u nomini lill-

Kunsill. Wara li ħadd mill-Membri preżenti ma kellu mistoqsijiet, il-Viċi Sindku ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu

## *6.14 Servizz sabiex jingħalqu ż-Żewġ Bandli*

6.14.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li kemm il-darba ssemmiet fil-Kunsill il-bżonn li l-bandli ta' Ġnien 6 t'Awissu u Ġnien Ġwann Mamo jiżdied il-ħadid biex jingħalqu u jkun hemm servizz ta' security li lest jiftaħ u jagħlaq bill-ħinijiet. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *6.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

6.15.1 Il-laqgħa ntemmet fis-8.45pm u ġiet aġġornata għat-3 ta' Diċembru fis-6.00pm kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Josef Azzopardi<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |